MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru. 1324/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

vs

John Caruana

Il-Qorti,

Rat li l-imputat John Caruana ta' 43 sena, bin Salvino u Lina nee' Sammut, imwieled l-Awstralja fis-7 ta' Awwissu 1966 u residenti f' 'Whinchat', Triq l-Isfar, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 587282(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fil-25 ta' Awwissu 2009 u fi granet precedenti, minn gewwa l-fond maghruf bhala 'Rush Hour' f'Triq il-Kottoner, Fgura u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer,

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom inidikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

U cioe diversi DVD’s b’films

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddpulika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

3. Sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Dicembru 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-24 ta’ Frar, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 298 (1) (a) (c) u (f) u 298 B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elf ewro (€1000).

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-225 DVD u 420 film cover li gew esebiti formalment waqt l-udjenza tal-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------